

BEJN ĦALTEJN

# L-Esperjenza Umana u s-Sentiment Uman

Ina Cutajar

# Is-Sentiment Uman (il-Patos)




- Fil-letteratura l-patos jiġi deskritt bħala narrattiva li tqanqal emozzjonijiet ta' ħasra, empatija jew niket.
- Dan jista' jiġi espress b'ħafna modi. Il-patos huwa l-aktar għodda importanti fil-proċess tal-argumentazzjoni. Il-kunċett twieled ma' Aristotli fl-istudju tiegħu "L-Arti tal-Persważjoni".
- Fil-kritika letterarja t-terminu nużawh f'sens laxk u b'mod imbiegħed mill-idea Aristotiljana oriġinali. Meta s-sens ta' patos jixref fil-kitba, dan ma jsirx sempliċiment għax il-kitba tkun tinċita l-empatija, il-ħasra jew il-kumpassjoni. Ikun hemm patos meta l-emozzjoni tkun qed titħaddem bl-għan li tikkonvinċik tissieħeb mal-aġenda tal-kittieb. Ngħidu li hemm patos meta kitba tittrażmettilek kunċett morali, messaġġ sublimi, nozzjoni spiritwali...

# L-esperjenza u s-Sentiment Uman



- L-esperjenza umana tixtref f'kull kitba, għas-sempliċi raġuni li kull kitba hija twettiq ta' bniedem uman.
- **Refuġjata**: il-poeta bla dubju sab vokabularju li bih imiss qalb il-qarrej biex jitfa' dwal fuq il-qagħda tar-refuġjati Palestinjani u jissieħeb mal-kwistjoni tagħhom. Din il-poeżija għandha messaġġ politiku.
- **Niftakar:** Il-mod kif ikkuntrasta ż-żewġ okkażjonijiet u l-fatt li l-qarrej jaf li din hija kitba awtobijografika, jgħin lill-poeta jinstiga l-emozzjonijiet kuntrastanti fil-qarrej li permezz tagħhom il-qarrej jista' jifhem aħjar is-sentiment tal-poeta.

# L-esperjenza u s-Sentiment Uman



- **Katrin tal-Imdina:** B'mod simili tislet minn qalb il-qarrej il-ħasra u s-sogħba għal din l-għarusa. Il-ġrajja mhix irrakkontata mil-lat politiku imma mil-lat emottiv, għalkemm hemm laqta patrijottika.
- **Il-Koranta:** Friggieri dejjem jirnexxilu jitfa' dawl fuq l-esperjenza, in-negliġenzi u l-inġustizzji mġarrba min-nies li jgħixu fid-dell tas-soċjetà mgħaġġla. Din hi novella li b'deskrizzjoni narrattiva impekkabbli tgħinna nesperjenzaw il-ġrajja fil-vesti ta' Anjeżi.
- **Firda minn Kelb:** Fost l-evidenza ta' kunċetti li nbidlu fis-soċjetà tagħna, il-qarrej ma jistax jaħrab mill-qalb maqsuma tal-protagonist. Sal-aħħar, b'kitba li ma tintilifx fid-dettall, l-awtur jirnexxilu jittrażmetti pass pass il-vjaġġ intern tan-narratur.

# L-esperjenza u s-Sentiment Uman



- **Xtara l-Ħut fil-Baħar:** L-awtur iħaddem ton sarkastiku u b'dan iġiegħel lill-qarrej iħoss li s-Sur Tonin jistħoqqlu s-simpatija kollha tiegħu.
- **Ċensina:** Kitba elaborata li tħaddem metafora estiża li tikkuntrasta lil Ċensina mal-ġrieden tal-lokal. Il-bidla fil-qalb tal-politikant hi mera tas-sentiment tal-qarrej.
- **Bl-Irħis:** Il-qagħda lokali mil-lenti tal-immigrant illegali. It-teknika li biha hi miktuba din in-novella, li tappella għas-sens ta' umanità tal-qarrej, hija l-aqwa propaganda li għandu kull immigrant, li f'għajnejn il-qarrej ma jibqax taħt it-titlu ta' barrani, imma jsir biss bniedem.